Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 81/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Helga Debono)**
**vs**
**Alfred Xeureb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Alfred Xuereb ta' 25 sena, bin Carmelo u Mathese nee' Grech, imwieled San Giljan fis-7 ta' Jannar, 1979, residenti f' 13, 'Yvonne House', Church Street, Paceville, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 137379(M).

Talli fis-16 ta' Dicembru, 2003 u fiz-zminijiet precedenti, fuq il-monti tal-Belt u fi bnadi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamilt uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghdt fic-cirkostanzi, bieght jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew importajt ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ baseball caps bil-marka ‘Nike’ allegatament foloz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

2. Talli bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt, jew mod iehor irriproducejt jew ikkopjajt, jew beghet, qassamt, jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

3. Talli bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt jew mod iehor ipproducejt jew ikkupjajt, jew bieghejt jew qassamt jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew biex jitqassmu min post jew min gewwa post li huwa kopert b’licenzja, jew bhala parti min attivita’ koperta b’tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-avviz legali 120 tal-1992.

4. Talli ukoll sfajt recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, wara li gejt ikkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 13/11/2002, 30/09/2002, kif ukoll ksirt il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 u l-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 b’sentenzi tal-Qorti datati 03/09/2002 u 11/06/2003.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha u tirrevoka l-licenzja ta' fixed hawker mahruga f'isem Alfred Xuereb.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-artikolu 370 (4) tal-kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura skond il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu, 2004.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-prosekuzzjoni resqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara spezzjoni mill-Pulizija, Taqsima Kontra l-Frodi, maghmula fuq il-monti tal-Belt fejn fuq l-istall tal-imputat irrizultaw hamest ibrieret tal-marka NIKE li l-pulizija issuspettaw li kienu foloz. Dawn il-brieret kienu elevati u esebiti in atti u ghalhekk inhatar espert minn din il-Qorti sabiex jistabilixxi l-awtenticita' o meno tal-istess oggetti.

Illi fir-relazzjoni tieghu, l-espert mahtur minn din il-Qorti ikkonkluda illi l-brieret esebiti ma kienux originali u dan wara li ta diversi ragunijiet ghaliex wasal ghal din il-konkluzzjoni.

Illi wara li ezaminat l-atti tal-kawza u d-deposizzjoni tax-xhieda kollha, l-Qorti hija konvinta illi l-prosekkuzzjoni ippruvat l-allegazzjonijiet taghha kif ridotti ghall-akkuzi addebitati kontra l-imputat. Ghal dawn il-mottivi qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 298 91) (a) (b) (c) u (f), 298 B Kap 9, AL 120 tal-1992 u 22 tal-Kap 446 (b'riferenza ghall-artikolu 9 tal-Kap 152 illum mhassar);

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ma jistax aktar jibbenefika mill-provedimenti tal-Kap 446 jew tas-sentenza sospiza skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9; tenut kont tal-ammont zghir ta' brieret maqbuda bil-pussess tal-imputat (5), ma tarax illi piena karcerarja tkun addatata u bl-applikazzjoni tal-art. 21 tal-Kap 9 tinzel taht il-minimu prevvist mil-Ligi u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm 500 kwantu l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-ewwel parti tar-raba akkuza, u tibghat lill-imputat quddiem dik il-Qorti li kienet illeberatu bil-kondizzjoni sabiex titratta mal-imputat dwar il-ksur tal-istess liberazzjoni u dan kwantu it-tieni parti tar-raba (4) akkuza;

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti u tordna s-sospensjoni tal-licenzja tal-imputat bhala fixed hawker ghal-perjodu ta' sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------